# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 522/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Antoine Ellul**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Antoine Ellul, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 75382M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: (1) f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' April, 2006 u fis-seba' xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u (2) talli fit-23 ta' April, 2006 minghajr l-awtorita' legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-Konfini tal-Habs, u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin,

oggett jkun li jkun u specifikatament medicina perikoluza (Droga Rezina tal-Kannabis) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2), tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Dicembru, 2014 li biha ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, filwaqt illi **tirrevoka** l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u minflok tghaddi sabiex issibu hati tal-ewwel imputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-Avukat Generali kif ukoll lid-difensur tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali limitat ghal-dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellat kien liberat mill-ewwel imputazzjoni, dik ta' pussess semplici ta' droga cannabis. L-appellat kien misjub fil-pussess ta' bicca raza tal-cannabis meta mar izur habib tieghu gewwa

l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan waqt li qed issirlu tfittxija mill-gwardjani tal-habs. L-Ewwel Qorti ma sabitux hati sia ta' pussess semplici kif ukoll talli ittenta jdahhal din id-droga gewwa l-habs. Issa, filwaqt illi l-Avukat Generali jaghmilha cara illi l-appell tieghu ma hux dwar dan it-tieni fatt, huwa jinsisti li l-Ewwel Qorti kellha ssib htija dwar il-pussess ta' din is-sustanza;

2. Illi ghalhekk jehtieg li jsir apprezzament approfondit tal-provi mressqa quddiem il-Qorti tal-ewwel grad sabiex din il-Qorti imbaghad tiddeciedi jekk dik il-konkluzzjoni setghetx tkun raggunta legalment u ragjonevolment. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti trid tiddisponi minn zewg eccezzjonijiet sollevati mill-appellat fil-kors ta' dan l-appell;

3. Fl-ewwel osservazzjoni tieghu per via ta' trattazzjoni orali, l-appellat jecepixxi n-nullita' tal-appell ghaliex dan ma kienx iffirmat mill-Avukat Generali skond l-artikolu 419(2) li jipprovdi illi *jekk l-appell isir mill-Avukat Generali, ir-rikors, taht il-piena ta' nullita, ghandu jkun iffirmat minnu, u ghandu jigi, flimkien mal-atti tal-process, ipprezentat mill-ewwel fil-qorti superjuri".* L-appellat m'ghandux ragun dwar dan ghaliex il-Kapitolu 90 tal-ligijiet ta' Malta, fl-artikoli 3(1) u (2) tieghu jaghti l-fakolta' lill-Avukat Generali li jiddelega l-poteri tieghu lill-assistenti fi hdan l-ufficcju tieghu. L-artikolu 3(1) u (2) tal-Ordinanza Dwar l-Avukat Generali jipprovdu hekk:

> 3 (1). Ghandu jkun hemm ukoll ufficjal li jissejjah Deputat Avukat Generali u Ufficcjali ohra tal-Avukat Generali illi jezercitaw u jesegwixxu dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet kollha iddelegati jew moghtija lilhom mill-Avukat Generali.
>
> (2). Fl-ezercizzju u fl-esekuzzjoni tas-setghat, funzjonijiet u dmirijiet iddelegati jew moghtija lilhom kif intqal qabel, id-Deputat Avukat Generali u l-Ufficcjali l-ohra tal-Avukat Generali ghandhom, sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni hija kuntrarja,

ikollhom l-istess dmirijiet u jgawdu l-istess harsien u privileggi li l-ligi timponi jew taghti lill-Avukat Generali;

4. Ghalhekk meta l-artikolu 419 (2) jirreferi ghall-firma tal-Avukat Generali fuq ir-rikors tal-appell, il-vot tal-ligi jkun sodisfatt jekk dan ikun iffirmat minn Deputat Avukat Generali jew Ufficjal iehor tal-Avukat Generali. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tkun michuda;

5. Fit-tieni eccezzjoni tieghu, ukoll per via ta' sottomissjoni orali, l-appellat jirritjeni illi ir-regolamenti tal-habs jaghtu l-poter lid-Direttur tal-Habs li jitlob id-dettallji tal-vizitaturi u li jaghmel tfittxija fuqhom b'dan illi jekk jirrifjutaw ikunu michuda milli jidhlu. L-appellat jghid illi kellu jinghata x-xelta li ssirlu tfittxija u fin-nuqqas ikun rifjutat access. L-appellat qed jirreferi ghal-Legislazzjoni Sussidjara 260.03, regolament 58 maghmula taht l-Att Dwar il-Habs Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta u ezami ta' dan ir-regolament partikolari minnufih juri li mghandux ragun fl-argument tieghu. B'dan ir-regolament, kull persuna li tasal il-habs sabiex izzur prigunier ghandha tikxef l-identita' taghha lill-ufficcjal tal-habs u d-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull vizitatur b'dan illi kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identita' taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur, inkluz allura t-tfittxija, ghandha tkun michuda permess biex taghmel iz-zjara;

6. L-appellat pprezenta ruhu volontarjament il-habs sabiex izur lil habib tieghu. Ir-regoli tal-habs, kif appena dimostrat, jesigu li ssir tfittxija fuq il-persuna tieghu liema tfittxija seta' facilment jirrifjuta. Izda la darba ssir tfittxija u tinsab xi haga illecita fuq il-persuna tal-vizitatur, id-Direttur, bhala Ufficcjal Pubbliku, ma jistax, *sic et simplicitur* jirrifjuta l-vizita u jhallih jitlaq qisu qatt ma kien xejn. Huwa fid-dover li jirraporta lill-Pulizija sabiex tipprocedi minn hemm 'l quddiem jekk jidrilha xieraq;

7. Jekk b'din l-eccezzjoni l-appellat irid ifisser illi vizitatur tal-habs ghandu jinghata xi forma ta' xelta li jekk waqt tfittxija tkun skoperta xi haga illecita jista' jkun soggett ghall-proceduri kriminali, allura

huwa zbaljat. It-tfittxija fuq il-vizitatur hija wahda fakoltattiva dipendenti fuq jekk irid jidhol fil-konfini tal-habs jew le. La darba ghazel li jitlob li jzur lil detenut, ghazel ukoll li ssirlu tfittxija fuq il-persuna tieghu skond ir-regolamenti tal-habs. Sa dak il-punt, jista' jirrifjuta u jerga lura 'l barra, izda la ghazel li ssirlu tfittxija huwa assoggetta ruhu ghal kull konsegwenza. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tkun respinta;

8. Fil-mertu, huwa palezi illi fuq il-persuna tal-appellat instabet sustanza illecita waqt li kienet qed issirlu tfittxija qabel jidhol izur persuna gewwa l-habs. Din instabet gewwa il-but tal-qalziet tal-*jeans* tal-appellat minn Correctional Officer u kienet tikkonsisti f'haga zghira hafna kulur kannella. L-espert nominat mill-Ewwel Qorti biex jezamina l-esebit elevat minn fuq il-pesuna tal-appellat rrelata li din kellha piz ta' 0.37 grammi u kienet tikkontjeni s-sustanza tetrahydrocannabnol derevanti mill-pjanta Cannabis. L-appellat xehed illi dik is-sustanza kienet tieghu, kienet ilha f'dak il-qalziet xi tmien xhur tant li kien nesiha u ma kienx jaf li kienet fuqu meta mar izur lill-impjegat tieghu gewwa l-habs wara li l-familja tieghu kienu avvicinawh biex jerga' jimpjegah mieghu hekk kif johrog mill-habs u allura wieghed li jmur jarah. Dik kienet parti minn blokka akbar li l-Pulizija kienu sabu fil-karozza tieghu tmien xhur qabel u li dwarha kien processat il-Qorti u instab hati (skond il-fedina penali tieghu, l-appellat kien liberat b'kundizzjoni ghal zmien sena fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446);

9. L-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat miz-zewg imputazzjonijiet u fil-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet ezami tal-kwadru komplet tal-fatti li jirrizolvu ruhom fl-aspett uniku illi l-appellat ma kellu ebda xjenza ta' dik il-farka ta' rezina fil-but meta mar izur lill-impjegat tieghu. L-istess Qorti accettat li dik il-bicca rezina kienet wahda antika kif xehed l-espert taghha u tenut kont id-daqs taghha ma kienx eskluz li din kienet baqghet imwahhla fil-qiegh tal-but tal-qalziet li kien inhasel

diversi drabi anke tenut kont tal-percentwali minima ta' tetrahydrocannabnol f'din il-bicca rezina;

10. Din il-Qorti ma tara xejn censurabbli dwar l-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti. Wara l-ispjega moghtija mill-appellat li taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-espert forensiku, d-dubju dettat mir-raguni ghandu jmur favur l-appellat u ghalhekk ma hemm xejn x'jiddemostra li l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolament tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghalih;

11. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali qed ikun michud.